# MALTA

## QORTI CIVILI
## PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

**LL.D.; Dip. Stud. Rel.; Dip. Can. Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert. Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Illum l-14 ta' Lulju, 2016.**

**Rikors Numru 428/2016 SM**

***Transmec Services Limited***
**(C – 6952)**

**vs.**

**Josef Grima**
**(I.D. 506583 M)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-30 ta' Mejju, 2016, li permezz tieghu, id-direttur tas-socjeta` rikorrenti hemm indikat, sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat lill-intimat diversi konsenji ta' materjal ta' bini fuq ordni tieghu stess, (ara foll 5);

1.2. Illi s-socjeta` rikorrenti rrilaxxat u nnotifikat lill-intimat bil-fatturi relattivi l-konsenji kollha effettwati lilhu, (ara foll 6 sa 41);

1.3. Illi l-istess socjeta` rikorrenti nnotifikat ukoll lill-intimat b'rendikont aggornat tal-ammont minnhu dovut lilha, (ara foll 42);

1.4. Illi konsegwenza tal-istess, l-intimat ghandu ghalhekk jaghti lis-socjeta` rikorrenti l-ammont komplessiv ta' sebgha u tletin elf, erba` mija u erbgha u tmenin Ewro u sitta u erbghin centezmu, (€37,484.46), *oltre* l-imghax legali dekorribbli skont il-ligi;

1.5. Illi *nonostante* li l-intimat gie debitament interpellat diversi drabi biex ihallas l-ammont minnu hekk dovut lis-socjeta` rikorrenti hu baqa` inadempjenti, (ara foll 43);

1.6. Illi ghaldaqstant, l-imsemmi ammont hu dejn cert, likwidu u dovut, u li fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta biex il-procedura odjerna tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh *stante* li skont is-socjeta` rikorrenti, l-intimat m'ghandu l-ebda risposta xi jressaq kontra t-talbiet taghha;

1.7. Illi konsegwentement, is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-qorti biex din tkun tista`:

1.7.1. Tipprocedi ghas-sentenza finali bid-dispensa tas-smiegh *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq indikat;

1.7.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u tletin elf, erba` mija u erbgha u tmenin Ewro u sitta w erbghin centezmu, (€37,484.46);

1.7.3. Tordna lill-intimat ghalhekk biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.7.4. Bl-ispejjez kif dedotti mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors guramanetat promotur taghha u bl-imghax legali skont il-ligi kontra l-istess intimat;

2. Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, wkoll datat it-30 ta' Mejju, 2016, li permezz taghha essenzjalment ikkonsolida l-fatti elenkati fl-istess rikors promotur minnhu guramentat, (ara foll 45);

3. Semghet lill-istess rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti fl-udjenza li kkonferma l-fatti kollha minnhu gia` esposti kemm fir-rikors guramentat promotur u fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu, (ara foll 1, foll 45 u foll 52);

4. Rat il-verbal taghha datat il-21 ta' Gunju, 2016, li permezz tieghu awtorizzat lill-intimat biex *nonostante* l-kontumacja tieghu seta` jipprezenta s-sottomissjonijiet tieghu sa l-iskadenza hemm indikata, (ara foll 51);

5. Tirrileva li l-iskadenza indikata fil-paragrafu precedenti ghaddiet inutilment;

Ikkunsidrat:

6. Illi rizultat tax-xhieda guramentata fuq riferita, flimkien mar-rikors guramentat promotur u mad-dikjarazzjoni guramentata fuq ukoll riferiti, din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` rikorrenti pprovat it-talbiet kollha taghha skont il-ligi;

7.0. Illi konsegwenza tal-istess, din il-qorti:

**DECIDE:**

7.1. Tordna li tipprocedi ghas-sentenza bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza *ai termini* tal-artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 tal-ligijiet fuq riferiti;

7.2. Tiddikjara u tiddeciedi li l-intimat hu debitur tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' sebgha u tletin elf, erba` mija u erbgha u tmenin Ewro, u sitta u erbghin centezmu, (€37,484.46), *oltre* l-imghaxijiet dovuti fuq l-istess mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali, it-12 ta' Frar, 2016;

7.3. Tikkundanna lill-intimat biex ihallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti;

7.4. Tikkundanna wkoll lill-intimat biex ihallas l-ispejjez ta' din il-procedura kif dedotti mill-istess socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha.

________________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**DECIZJONI FINALI**